MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 7 ta' Novembru 2023**
**(Distrett Qawra)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Antoine sive David Monsigneur**
**(K.I: 0049071M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Antoine sive David Monsigneur** talli nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023, għall-ħabta tad-21:00hrs u/jew fis-siegħat ta' qabel, ġewwa Welbee's *Supermarket,* sitwat fi Triq il-Merluzz, San Pawl il-Baħar u/jew madwar il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Anita Lowell f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif ġiet iċċertifikatha mit-Tabib, Dr. Sean Chetcuti Saydon, bin-Numru tal-Karta tal-Identità 494787M, minn ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u dan bi skur tal-Artiklu 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. M'obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' PS949 Matthew Calleja u PC1548 Nicholas Galea waqt li huma nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil

PS949 Matthew Calleja u PC1548 Nicholas Galea jagħmlu dak li b'Liġi jkunu ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS949 Matthew Calleja u PC1548 Nicholas Galea jkunu għamlu skont il-Liġi u dan bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artiklu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Akkużat ukoll talli nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023, għall-ħabta tad-21:00hrs u/jew fis-siegħat ta' qabel, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra, sitwata fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u/jew madwar il-Gżejjer Maltin:

4. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq PS949 Matthew Calleja, PS448 Clive Abela u PC1548 Nicholas Galea li huma nkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijier ta' Malta.

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Għamel inġurji jew theddid lil Anita Lowell li mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Akkużat ukoll talli nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023, u/jew fil-jiem, ġimgħat u x-xhur ta' qabel dan, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

8. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat nhar l-04 ta' Novembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat, Dr. Charmaine Galea LL.D., li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artiklu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' 'Probation' b'sentenza deċiża nhar is-26 ta' Jannar, 2023, mill-Maġistrat, Dr. Marse-Ann

Farrugia LL.D., dan bi ksur tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, nhar is-26 ta' Jannar, 2023.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-Digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmija Antoine k/a David Monsigneur kif ukoll tordna s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000.00) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll li sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' PS949 Matthew Calleja, PS448 Clive Abela u PC1548 Nicholas Galea, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familjari tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' trażżin favur PS949 Matthew Calleja, PS448 Clive Abela, PC1548 Nicholas Galea u l-familjari tagħhom, u dan skont l-Artikolu 328A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' Anita Lowell ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta'spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawża tirrigwarda allegat inċidenti li ġraw fis-27 ta' April 2023 ġewwa San Pawl il-Baħar.

**PS448 Clive Abela** stqarr illi fis-27 ta' April 2023 għall-ħabta tat-19:45hrs ġew infurmati li kien hemm xi diżgwid fil-venda tal-Qawra. Għalhekk hu, flimkien ma' PC 1109 marru fuq il-post u sabu lill-imputat li kien tela' fuq tal-linja b'riħa ta' xorb fuqu u żewġ turisti kellhom argument miegħu għaliex riedu li x-xufier iniżżlu minn fuq tal-linja. L-imputat allega li wieħed mit-turisti aggredih u għalhekk il-Pulizija nfurmawh li seta' jagħmel rapport u li kellu bżonn jagħmel ċertifikat mediku sabiex jipproċedu. Ix-xhud spjega li dak il-ħin l-imputat qalilhom li ma kienx se jagħmel ċertifikat iżda minflok kien se jibagħtu Mater Dei u jagħmlulu ċertifikat tat-tambur ta' widnejh (b'referenza għal PC448). Għalhekk huwa wissa lill-imputat sabiex iġib ruħu sew. Ix-xhud kompla jgħid li xi siegħa wara nnota li l-imputat kien ġie arrestat fuq inċident ieħor u semgħu jisfida lil PC1548 għall-ġlied, ma jobdix l-ordnijiet tal-Pulizija u kif ukoll jhedded lil PS 949 li jifqgħu biċ-ċintorin.

**PC1548 Nicholas Galea** xehed illi fis-27 ta' April 2023 għall-ħabta tad-20:40hrs ġew infurmati li kien hemm argument bejn mara u raġel ġewwa Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar. Kif waslu fuq il-post ġew infurmati li l-persuni nvoluti mxew lejn Triq il-Merluzz fejn hemmhekk raw mara li ħarġet minn *supermarket* tgħajjat għall-għajjut għax kienet għadha kemm ġiet mhedda. Hu u PS949 daħlu fis-*supermarket* u sabu lill-imputat u ħarġuh mill-ħanut. Meta ġie mistoqsi x'ġara, huwa beda jinsulenta lill-Pulizija u għalhekk ġie arrestat. Meta sema' li se jiġi arrestat, l-imputat stieden lill-Pulizija għall-ġlied u nsultahom. Waqt li kien l-Għassa, l-imputat heddu li jekk jerġa' jmissu kien se jagħtih daqqa ta' ras f'wiċċu u beda jistiednu biex ineħħilu l-manetti biex jiġġilidlu u jifqgħu. L-imputat beda jirrifjuta li jmur il-*lock up* u hedded lil PS949 li kien se jdawwarlu ċ-ċinturin m'għonqu u jgħallqu.

**PS949 Matthew Calleja** ikkonferma l-verżjoni ta' PC1548. Huwa stqarr li kien ħa l-verżjoni ta' Anita Lowell fejn din qaltlu li kienet ilha taf lill-imputat tlett ijiem u kienet stidnietu għal *drink* u hu baqa' fl-appartament tagħha. Spjegatlu li dakinhar filgħodu l-imputat ried ikollu x'jaqsam magħha pero hi ma riditx u qalilha li se jġibha *black and blue* bħall-uniformi tal-Pulizija. Huwa heddidha wkoll li kien se jitfagħha għal isfel. Spjegat li aktar tard kienu f'*supermarket* u hi qaltlu li xtaqet tmur id-dar waħedha għaliex kellha xi affarijiet x'tagħmel. Dak il-ħin l-imputat beda jidgħi u taha daqqa' ta' ponn ġo għonqha. Ix-xhud spjega li wara li l-imputat ġie arrestat u ġie nfurmat li se jittieħed il-*lock up,* huwa beda jirrifjuta li jmur u beda jheddu li kien se jgħallqu u joqtlu biċ-ċintorin.

**Anita Lowell** xehdet illi xi erba' snin ilu hija kienet għamlet xi erbat ijiem mal-imputat pero` riċentement iltaqgħet miegħu u stiednitu għal *drink.* Spjegat illi l-imputat mar fl-appartament tagħha u ma riedx jitlaq u għamel xi erbat ijiem joqgħod għandha u jixrob. Eventwalment fil-ġurnata tal-inċident marru ġo

*supermarket* u qaltlu li riedet tmur id-dar waħedha. L-imputat ma ħax gost b'dan u kien f'dan il-mument li beda jheddidha li kien se jifqa' l-ħġieġ biha u taha daqqa f'għonqha. Spjegat li hija waqgħat mal-art, qamet, u xi nies ċemplu għall-Pulizija. Ix-xhud xehdet li meta ġew il-Pulizija l-imputat kien arroganti fil-konfront tagħhom. Hija spjegat li minkejja dak li hemm fiċ-ċertifikat mediku, hija kellha uġigħ kbir fuq wara ta' għonqha. Waqt il-kontro-eżami, ix-xhud stqarret illi din is-sena hija kienet marret darba d-dar tal-imputat.

**Nadia Attard** xehdet illi hija kienet fis-*supermarket* u semgħet lil mara tgħajjat "help, help, help". Spjegat li fejn din il-mara kien hemm raġel pero` meta mistoqsija jekk tagħrafx lil xi ħadd fl-awla li seta' kien preżenti dakinhar hija ma ftakritx.

**L-imputat** xehed illi madwar seba' snin ilu kellu relazzjoni ma' Anita Lowell. Spjega li dak iż-żmien kienet tieħu l-kokaina u sid il-kera fejn kienet toqgħod kien keċċiha u kien żammha għandu. Pero` hu spiċċa keċċiha wkoll għax kompliet tieħu l-kokaina sakemm ftit qabel l-inċident reġa' ltaqa' magħha u għamel tliet ġimgħat magħha. Dakinhar tal-inċident marru s-*supermarket* u qalilha li kien ħiereġ jistenniha barra meta marru fuqu żewġ Pulizija u ħaseb li kienu marru għalih għax kellhom xi rapport ta' serq pero` huma qalulu li kienu marru fuq rapport ta' vjolenza domestika. Huwa nnega li taha xi daqqa kif xehdet u li hu dakinhar ried jitlaq lejn daru u mhux kif xehdet Lowell li ried jibqa' magħha. Huwa kompla jgħid li s-Surġent kien arroganti miegħu.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ċertifikat mediku ta' Anita Lowell li minnu jirriżulta li ma kellha ebda feriti viżibbli pero` xorta ġiet ċertifikata li kienet qed issofri minn ġrieħi ħfief sakemm ma jinqalgħux xi kumplikazzjonijiet.[1] Esebiet ukoll *pendrive* li fiha żewġ filmati ta' żewġ *bodycams* tas-Surġent PS 949 u ta' PC 1548 fejn l-imputat jidher qed jiġi arrestat u jhedded lill-istess Uffiċjali kemm fuq il-post tal-inċident u kif ukoll ġewwa l-Għassa tal-Qawra.[2] Ġew esebiti wkoll għadd ta' filmati li ttieħdu mic-*cctv cameras* li kien hemm ġewwa s-*supermarket.*

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-inċident għandu tliet episodji, u ċioe` dak li allegatament ġara meta l-uffiċjali tal-Pulizija marru fuq tal-linja, dak li ġara ġewwa l-Welbee's *Supermarket,* u dak li ġara wara li l-imputat ġie arrestat.

Il-Qorti se tibda biex titratta l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat sal-mument li ġie arrestat.

[1] Dokument CC6 a fol. 119
[2] Dokument CC4 a fol. 117

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat li kkaġuna feriti ħfief lil Anita Lowell. Il-Qorti kellha l-okkażżjoni tisma' kemm lil Anita Lowell u kif ukoll tara l-filmati li ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni ta' dak li suppost ġara ġewwa l-istess *supermarket*. Min-naħa l-oħra l-imputat innega totalment li huwa mess lil Anita Lowell ġewwa l-istess *supermarket*.

Illi l-verżjoni ta' Anita Lowell hi li l-imputat taha daqqa f'għonqha. Illi għalkemm mill-filmati jidhru diversi istanzi fejn l-imputat u Lowell jidhru qed jilletikaw, fl-ebda ħin ma jidher qiegħed jagħtiha xi daqqa. Illi l-*cameras* tas-*supermarket* ikopru kważi kull rokna tal-ħanut u l-Qorti ssibha diffiċli biex jekk kien hemm dan l-inċident ma nqabadx mill-*cameras*. Dak li nqabad fuq *camera* minnhom kien Lowell ħierġa tiġri minn korsija tal-ħanut.

Illi l-Qorti meta qieset kemm ix-xhieda ta' Lowell, kemm id-dinamika li rat fil-filmati, kemm ix-xhieda tal-imputat u kif ukoll iċ-ċertifikat mediku fejn ġie ċertifikat li Lowell ma kellha ebda ġrieħi viżibbli, tqis illi għandha dubju raġjonevoli li dan l-episodju seħħ kif deskritt minn Lowell. Illi filwaqt li l-Qorti rat lill-imputat jargumenta ma' Lowell, fl-ebda ħin ma ratu jerfa' jdejh fuqha, u li kieku ried jagħmel hekk kellu diversi istanzi waqt li kien qed jargumenta magħha fejn dan seta' jagħmlu. Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata skont il-liġi.

Il-Qorti se ddur issa fuq ir-rimanenti imputazzjonijiet.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat li ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija. Illi mill-filmati tal-*bodycams* dan ir-reat jirriżulta ampjament ippruvat peress li l-imputat ma bediex jikkopera, anzi f'xi mument beda jisfida lill-Pulizija.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat li dagħa fil-pubbliku. Dan ġie wkoll ippruvat mill-filmati tal-*bodycams*.

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat illi nġurja, hedded jew għamel offiża fuq PS 949, PS448 u PS1548. Filwaqt li ma jirriżultax illi l-imputat għamel xi offiża fuq l-imsemmija uffiċjali, permezz tal-filmati tal-*bodycam* jirriżulta illi huwa nġurjahom bi kliem oxxen u anke heddidhom u dana għar-raġuni li fl-ewwel lok arrestawh u għaliex fit-tieni lok ma ridux ineħħulu l-manetti. Fir-rigward ta' l-inċident ma' PS448 waqt li l-imputat kien fuq tal-linja, dak allegat mill-istess uffiċjal, u cioe` li l-imputat heddu, bl-ebda mod ma ġie kontradett mill-istess imputat. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni skont il-liġi.

Illi permezz tal-ħames imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat talli meta kien fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra kiser il-buon ordni u l-kwiet pubbliku. Illi biex din l-imputazzjoni tirnexxi jrid jiġi ppuruvat li l-aġir tal-imputat qajjem xi allarm f'dawk li kienu preżenti. Illi mill-filmati tal-*body cams* esebiti ma jirriżultax li dan kien il-każ.

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat li nġurja jew hedded lil Anita Lowell. Illi kif ingħad hawn fuq, il-Qorti rat diversi istanzi fejn l-imputat u Lowell kienu qed jargumentaw. Għalkemm il-filmati huma bla kliem, il-Qorti m'għandhiex raġuni għala fuq dan il-punt m'għandhiex temmen lil Lowell li qalet li l-imputat heddidha waqt li kienu fis-*supermarket.*

Ir-rimanenti imputazzjonijiet jirrigwardaw l-addebitu tar-reċidiva, ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, ksur ta' Ordni ta' Probation u kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża. Illi l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistant Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali li esebiet is-segwenti u ċioe`:

1. Sentenza tas-26 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha l-imputat ġie misjub ħati ta' diversi akkużi u ġie kkundannat, *inter alia*, għal multa ta' elfejn ewro (€2000) u għal terminu ta' sena priġunerija li ġew sospiżi għal erba' (4) snin. Fl-istess sentenza il-Qorti kkonfiskat l-ammont ta' elf Ewro (€1000) mill-garanzija personali imposta fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest tal-4 ta' Novembru 2021. Minn din is-sentenza ma sar ebda appell;[3]
2. Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Settembru 2020 fejn l-istess Qorti ittemprat il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti u kkundannat lill-imputat għal tliet (3) snin priġunerija.[4]

Illi l-Prosekuzzjoni esebiet ukoll il-fedina penali voluminuża tal-imputat b'sensiela ta' kundanni mill-1989 sa riċentement, fosthom numru ta' kundanni għal akkużi simili għal dawk odjerni.[5] Esebiet ukoll il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tal-4 ta' Novembru 2021 imposti minn din il-Qorti kif presjeduta.[6]

Illi l-Qorti wara li rat kemm is-sentenzi esebiti u kif ukoll il-fedina penali tiddikjara li s-seba', t-tmien, u l-għaxar imputazzjoni jirriżultaw ippruvati. Pero` ma tirriżultax ippruvata d-disa' imputazzjoni peress li permezz tas-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023 l-imputat ma tpoġġa taħt ebda Ordni ta'

[3] Dokument SCT2 a fol. 56
[4] Dokument SCT3 a fol. 80
[5] Dokument CC2 a fol. 13
[6] Dokument RA1 a fol. 105

Probation u kwindi ma jirriżultax illi r-reati mwettqa minnu ġew hekk imwettqa waqt xi perjodu operattiv ta' tali Ordni.

Illi għaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta li t-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u l-għaxar imputazzjoni jirriżultaw. Illi fir-rigward ta' piena, mill-fedina penali jirriżulta illi l-imputat ġie trattat b'kull tip ta' sanzjoni minn dawn il-Qrati, fosthom għadd ta' kundanni ta' priġunerija effettiva. Illi dak li jħasseb il-Qorti huwa li minkejja dan, l-imputat ma tgħallem xejn u baqa' b'atteġġjament ta' sfida, jinġurja u jhedded lill-uffiċjali tal-Pulizija waqt li dawn ikunu qed jagħmlu xogħolhom. Għalkemm il-Qorti tista' tifhem illi l-imputat kien urtat għax beda jinsisti mal-Pulizija biex jaraw il-*cameras* tas-*supermarket* u dawn ma laqgħux it-talba tiegħu minnufih, u f'mumenti anke qalulu li jekk imisshomn (lill-uffiċjali) kienu ħa jagħtuh lura, dan ċertament ma jiġġustifikax l-aġir tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi f'dan il-kwadru tal-fatti il-piena idoneja għall-imputat hija waħda ta' priġunerija effettiva.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 28B (1), 49, 50, 95, 338 (bb), 338 (ee), 339 (1) (e) u 579 (2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lill-imputat Antoine *sive* David Monsigneur ħati, bħala riċediv, tal-imputazzjonijiet kollha ħlief għall-imputazzjoni numru wieħed (1), ħamsa (5) u disgħa (9) li minnhom qiegħed jiġi liberat, u tikkundannah għal perjodu ta' sena (1) priġunerija u għal multa ta' elfejn ewro (€2000).

In oltre, fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni, il-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-4 ta' Novembru 2021 mogħti minn din il-Qorti kif presjeduta u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat. Il-Qorti qiegħda wkoll tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' disat elef ewro (€9000) formanti parti mill-garanzija personali imposta permezz tal-imsemmi digriet u jekk dan l-ammont ma jitħallasx immedjatament, l-istess ammont jiġi konvertit f'perjodu ulterjuri ta' priġunerija skont il-liġi.

Finalment, a tenur tal-artikolu 28B (1) tal-Kodiċi Kriminali, b'referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' Jannar 2023, tordna li s-sentenza sospiża ta' sena (1) priġunerija għandha tibda sseħħ.

Għaldaqstant l-imputat qiegħed jiġi kkundannat għal **total ta' sentejn (2) priġunerija effettivi minn liema perjodu jrid jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv fir-rigward ta' din il-kawża.**

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat sabiex jiġu kawtelati PS 949 Matthew Calleja, PS 448 Clive Abela, u PC 1548 Nicholas Galea u Anita Lowell u dan għal żmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**